Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Il-Pulizija
(Spettur Sharon Tanti)
(Spettur Joseph Cordina)
vs
Mario Falzon

Illum 6 ta Novembru, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra ‘l fuq imsemmi imputat Mario Falzon, iben Antonio u Concetta nee’ Schembri, imwieled ir-Rabat fit-23 ta’ Frar, 1963 u detentur ta’ karta tal-identita 162263(M) li permezz taghhom gie akkuzat talli f’tal-Pieta nhar l-24 ta’ Gunju 2000 ghall-habta tal-4.p.m. b’eghmil zieni ikkorrompa lil Veronica Barbara, minorenni ta’ sitt snin u dan bi ksur tal-Artikolu 203 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess minorenni u dan bi ksur tal-Art. 207 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi minghajr setgha skond il-ligi ta’ Awtorita kompententi u barra mill-kazijiet fejn il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Veronica Barbara u dan sabiex iggieghlha taghmel jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha, u dan bi ksur tal-Art 87 (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-21 ta’ Dicembru tas-sena 2000 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

Fl-Artikoli 203, 207, 87(c), 17(h), 20 u 533 tal-Kodici Kriminali u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti, rat il-provi li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet lill-imputat debitament assistit jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u dan waqt is-seduta tat-22 ta’ Gunju, 2001;

Taqta u tiddeciedi illi fuq ammissjoni volontarja tal-istess imputat ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu issibu hati ta’ dawn l-imputazzjonijiet u dan wara li rat l-Artikoli kollha imsemmija mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-21 ta' Dicembru, 2000.

Ikkunsidrat ghal dak li jirrigwarda il-piena l-fatt illi l-imputat fuq imsemmi ma ghandux fedina penali netta.

Il-Qorti ikkunsidrat pero’ ukoll il-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni, kif ukoll il-fatt illi ikkollabora mal-pulizija u irregistra ammissjoni fl-istqarrija illi huwa irrilaxxja lill-pulizija meta gie investigat dwar dan ir-reat.

Illi jirrizulta wkoll mill-provi illi l-imputat ma wettaq l-ebda att ta’ penetrazzjoni fuq il-persuna tal-minorenni.

Illi l-Qorti semghet lill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Cordina jiddikjara illi l-imputat x’aktarx qed isofri minn

problemi ta' natura mentali u jkunu wisq aktar xieraq illi minflok jigi karcerat jinghata l-kura necessarja sabiex wiehed jevita kemm jista jkun ripettizzjoni ta' dawn l-atti tant kundannabbli.

Illi ghalhekk il-Qorti wara li ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat ghamel sitt xhur arrestat dwar dan ir-reat, wara illi ikkunsidrat c-cirkostanzi kollha tal-kaz tara illi jkun aktar xieraq illi l-imputat jinghata piena ta' prigunerija sospiza li matulha jkun imqieghed taht ordni ta' supervizzjoni.

Illi ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 B tal-Kap. 9 tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi misjub hati tal-imputazzjonijiet kolha migjuba kontra tieghu ghall-prigunerija ta' sentejn sospiza ghal erba' snin mil-lum.

Ghal kull buon fini l-Qorti tiddikjara illi hija spjegat lill-hati bir-responsabbilta tieghu jekk huwa jikkommetti matul dan il-perjodu ta' prigunerija sospiza reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

Illi in addizzjoni l-qorti rat ukoll l-Artikolu 28 (g) tal-Kap. 9 u taghmel ordni ta' supervizzjoni li permezz tieghu tqieghed

lill-hati taht is-Supervizzjoni ta’ M’Anne Zammit ghall-perjodu ta’ tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tordna illi kopja ta’ din l-ordni ta’ supervizzjoni tinghata minnufih lill-imsemmija M’Anne Zammit.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur